MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta ta' l-1 ta' Marzu, 2012

Numru. 1097/2010

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR EDMOND CUSCHIERI**
**VS**
**LYNN ANN VELLA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata Lynn Ann Vella, bint genituri mhux maghrufa, mwieleda L-Ingilterra fi 15 ta' Settembru 1972, u residenti 112, Triq Napuljun Caruana Dingli Mellieha detentur tal-karta ta' l-identita numru 10321 (A) .

Billi hija akkuzata talli fid-9 ta'Dicembru, 2009, ghall-habta ta' 11.20hrs gewwa Triq Vjal il-Qalbiena Mostin, Mosta, saqet vettura b'Nru: ABJ 241:

1. U ukoll b'nuqqas ta'hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas tat-tharis tar-regolamenti tat-traffiku habtet ma vettura b'Nru:

BBO 304 u nvolontarjament kkagunat griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Denise Muscat hekk kif iccertifikat Dr. Mario Scerri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti l-atti kollha tal-kaz;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkonsidrat:

Il-kawza odjerna, hija kawza ta' natura sommarja.

Illi l-Ufficjal Prosekutur, ressaq provi li jikkonsistu biss f'rapport. Il-kwerelanti Dr. Denise Muscat, notifikata skond il-Ligi, msejha tlett darbiet ma dehritx . Dr. Paul Borg ghal kwerelanti Dr. Denise Muscat, informa lil Qorti illi Dr.Muscat ma kienitx interessat tipprocedi bil-kawza, ma kienet qed tipretendi xejn mill-imputata u li hafritilha. Il-Prosekuzzjoni f'dan l-istadju ddikjarat li ma kelliex aktar provi x'tipproduci.

Ghal dawn il-mottivi il-Qorti m'ghandiex alternattiva ghajr li ssib l-imputata mhux hatja minhabba nuqqqas ta'provi u tilliberha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------